MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 302/2011

Kawza fil-lista: 34

**Q FV**
**vs**
**N FV,**
**C U nominata kuratrici ad litem**
**tal-minuri Y FU,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u J W kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-attrici u l-konvenut N, konjugi FV, isseparaw de facto fit-30 ta’ Novembru 2008; li fl-14 ta’ Lulju 2010 l-attrici weldet lill-minuri Y li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 2192/2010 hu registrat bhala it-tifel tal-konvenut N FV; li t-tifel mhuwiex il-wild naturali ta’

dan il-konvenut; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara u tiddeciedi li l-missier naturali tal-minuri Y FU li twieled fl-14 ta' Lulju tas-sena 2010, m' huwiex il-konvenut N FV izda J W; [2] konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri Y FU, numru tar-registrazzjoni 2192/2010 u partikolarment fil-kolonni intitolati: isem u kunjom missier it-tarbija; id-dokument ta' l-identita', eta', isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet, jigi sostitwit l-isem ta' N FV bl-informazzjoni ta' "J W" u fil-kolonna intitolata isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejjha, jigi sostitwit l-isem ta' "Y FU" bl-informazzjoni "Y W".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha rrefera ghall-artikoli 77B, 77C, 77D, u l-artikolu 81 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel Y FU li twieled mill-attrici fl-14 ta' Lulju 2010, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut N FV, izda huwa l-wild naturali tal-kjamat fil-kawza J W.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-30 ta' Novembru 2008 il-konjugi FV sseparaw de facto, u sussegwentement l-attrici dahhlet f' relazzjoni stabbli mal-kjamat fil-kawza J W. Wara li l-attrici skopriet li hi kienet harget tqila minn din ir-relazzjoni, hi u l-istess J W f' Lulju 2010 bdew jghixu

flimkien, u fl-14 ta' l-istess xahar twieled it-tifel Y lill-attrici ssostni li huwa l-wild naturali ta' l-imsemmi J W.

Illi ghalhekk it-tifel Y dejjem gie meqjus u maghruf bhala t-tifel ta' J W, ghalkemm fuq ic-certifikat huwa registrat bil-kunjom FU;  ghalhekk l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81 tal-Kap.16 ma treggix.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma t-tezi attrici, u jsostni t-talbiet taghha.

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari bazata fuq id-dispost tal-artikolu 77C, il-Qorti tikkonferma li l-proceduri odjerni huma fl-interess tal-minuri, u ghalhekk tikkonferma l-awtorizzazzjoni taghha ghall-istituzzjoni tal-proceduri odjerni.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81 tal-Kap.16, tilqa' t-talbiet tal-attrici; u tiddikjara li t-tifel Y FU, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut N FV, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut J W;  u tordna d-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2192/2010 fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez ikunu a kariku tal-attrici u tal-kjamat fil-kawza J W, konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------